Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA 2002/6/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tat-18 ta' Frar 2002

dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għall-bastimenti li jkunu waslu u/jew li jkunu qed jitilqu minn portijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 67, 9.3.2002, p. 31)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008

▼B

ID-DIRETTIVA 2002/6/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Frar 2002

dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għall-bastimenti li jkunu waslu u/jew li jkunu qed jitilqu minn portijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Il-Komunità għandha politika stabbilita sabiex jiġi nkoraġġit trasport sostenibbli, bħalma huwa trasport bil-baħar u, b'mod partikolari, sabiex jippromwovu trasport bil-baħar għal distanza żgħira.

(2) It-tħaffif tat-trasport bil-baħar huwa għan essenzjali tal-Komunità biex tissaħħaħ dejjem aktar il-pożizzjoni tat-trasport bil-baħar fis-sistema tat-trasport bħala alternattiva u kumpliment għal modi oħra ta' trasport fil-katina tat-trasport bieb b'bieb.

(3) Il-proċeduri dokumentarji meħtieġa fit-trasport bil-baħar ikkawżaw tħassib u kienu ġew meqjusa li jżommu lura l-iżvilupp ta' dan il-metodu milli jilħaq il-potenżjal sħiħ tiegħu.

(4) Il-Konvenzjoni dwar it-Tħaffif tat-Traffiku Internazzjonali Marittimu ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima adottata mill-Konferenza Internazzjonali għat-Tħaffif ta' Safar u Trasport Marittimi fid-9 ta' April 1965, kif emendat iktar tard (minn issa 'l quddiem " Il-Konvenzjoni FAL ta' l-IMO"), ipprovda sett ta' mudelli ta' formoli standardizzati għat-tħaffif għal bastimenti biex jilħqu ċerti formalitajiet tar-rappurtar meta jaslu jew jitilqu minn port.

(5) Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri jużaw dawn il-formoli għat-tħaffif imma ma japplikawx b'mod uniformi l-mudelli pprovduti bis-saħħa ta' l-IMO.

(6) L-uniformità fil-format tal-formoli meħtieġa għal bastiment li qiegħed jasal jew jitlaq minn port għandha tħaffef il-proċeduri dokumentarji għas-sejħijiet fil-port u għandha tkun ta' ġid għall-iżvilupp tat-trasport bil-baħar tal-Komunità.

(7) Għalhekk, huwa ta' siwi li jiddaħħal l-għarfien tal-formoli għat-tħaffif ta' l-IMO (minn hawn 'il quddiem "formoli FAL ta' l-

([1]) ĠU Ċ 180 E, 25.1.2000, p. 85.
([2]) ĠU Ċ 221, 9.4.1999, p. 149.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2001 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2002.

▼B

IMO") fuq il-livell tal-Komunità. L-Istati Membri għandhom jagħrfu l-formoli FAL ta' l-IMO u l-kategoriji tat-tagħrif ġewwa fihom bħala prova biżżejjed li bastiment wettaq il-formalitajiet tar-rappurtar li dawn il-formoli kienu maħsuba għalihom.

(8) Madanakollu, l-għarfien ta' ċerti formoli FAL ta' l-IMO, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-merkanzija u - għal bastimenti tal-passiġġieri - il-lista tal-passiġġieri, jiżdied mal-komplessità tal-formalitajiet tar-rappurtar minħabba li l-formoli ma jistgħux ikollom ġewwa fihom it-tagħrif kollu meħtieġ jew minħabba li prattiċi tat-tħaffif imwaqfa b'mod sod diġà jeżistu. Għalhekk, l-għarfien obbligatorju ta' dawn il-formoli m'għandux jiddaħħal.

(9) Trasport bil-baħar huwa attività globali u d-dħul tal-formoli FAL ta' l-IMO fil-Komunità jista' jgħin fil-passi lejn l-applikazzjoni intensifikata madwar id-dinja.

(10) Ġaladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri t-tħaffif tat-trasport bil-baħar, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif mfisser fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif mfassal f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tistax tkun iżjed milli dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn l-għanijiet

(11) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tniżżel l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Iskop

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa biex tħaffef it-trasport bil-baħar billi tipprovdi għall-istandardizzazzjoni tal-formalitajiet tar-rappurtar.

L-Artikolu 2

Il-kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika għal formalitajiet tar-rappurtar mal-wasla u/jew mat-tluq mill-portijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità, kif msemmi fl-Anness I, Parti A, li għandu x'jaqsam ma' bastiment, mal-ħażniet tiegħu, mal-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ tiegħu, mal-lista ta' l-ekwipaġġ tiegħu u, fil-każ ta' bastiment li huwa ċċertifikat li jġorr 12-il passiġġier jew inqas, mal-lista tal-passiġġieri.

L-Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Il-Konvenzjoni FAL ta' l-IMO" tfisser il-Konvenzjoni dwar it-Tħaffif tat-Traffiku Internazzjonali Marittimu ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima adottata mill-Konferenza Internazzjonali tat-Tħaffif ta' Safar u Trasport Marittimi fid-9 ta' April 1965;

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

▼B

(b) “Il-formoli FAL ta' l-IMO” tfisser il-mudell standardizzat tal-formoli tat-traffiċ ta' l-IMO bid-daqs A4 pprovdut mill-Konvenzjoni FAL ta' l-IMO;

(ċ) “formalità tar-rappurtar” tfisser it-tagħrif li meta huwa meħtieġ minn Stat Membru, għandu jkun ipprovdut għal-għanijiet amministrattivi u proċedurali meta jasal jew jitlaq bastiment minn port;

(d) “bastiment” tfisser bastiment ta' kull tip li jbaħħar u li jaħdem fl-ambjent tal-baħar;

(e) “ħażniet fil-bastiment” tfisser prodotti għall-użu fil-bastiment, li jinkludu prodotti li jkunu kkunsmati, prodotti li jinġarru għall-bejħ lill-passiġġieri jew għall-membri ta' l-ekwipaġġ, karburanti u lubrifikanti imma bl-esklużjoni tat-tagħmir u l-*ispare parts* tal-bastiment;

(f) “tagħmir tal-bastiment” tfisser oġġetti ħlief għall-*ispare parts* tal-bastiment, li huma abbord bastiment għall-użu fuqu u li jistgħu jitneħħew imma li mhumiex ta' natura li jkunu ikkunsmati, inklużi aċċessorji, bħalma huma d-dgħajjes tas-salvataġġ, it-tagħmir għas-salvataġġ tal-ħajja, l-għamara, l-ħwejjeġ tal-bastiment u oġġetti simili;

(g) “l-i*spare parts* tal-bastiment” ifisser oġġetti ta' natura ta' tiswija jew ta' tibdil għall-inkorporazzjoni fil-bastiment li fih jinġarru;

(h) “il-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ” ifisser ilbies, oġġetti ta' kull jum u oġġetti oħra, li jistgħu jinkludu flus, li huma ta' l-ekwipaġġ u li jinġarru fuq il-bastiment;

(i) “membru ta' l-ekwipaġġ” ifisser kull persuna impjegata għal dmirijiet abbord waqt vjaġġ fil-ħidma jew servizz ta' bastiment u inkluża fil-lista ta' l-ekwipaġġ.

L-Artikolu 4

Aċċettazzjoni tal-formoli

L-Istati Membri għandhom jaċċettaw li l-formalitajiet tar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 2 huma mwettqa meta t-tagħrif mogħti jkun bi qbil ma:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet rispettivi mniżżla fl-Anness I, Parti B u Ċ, u

(b) il-mudelli tal-formoli li jikkorrispondu mfassla fl-Anness II bil-kategoriji tagħhom ta' l-informazzjoni.

▼M1

Artikolu 5

Proċedura emendatorja

Il-miżuri li jadattaw l-Annessi I u II ta' din id-Direttiva u tar-referenzi għall-istrumenti ta' l-IMO biex jinġiebu konformement mal-miżuri tal-Komunità jew ta' l-IMO li daħlu fis-seħħ għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(2).

Artikolu 6

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), imwaqqaf mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 ([1]).

([1]) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.

▼M1

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a, minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B

L-Artikolu 7

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mid-9 ta' Settembru 2003. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella jkollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 9

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

PARTI A

Lista ta' formalitajiet tar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 2 rigward bastimenti li jkunu waslu u/jew ikunu qed jitilqu mill-portijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità

1. *Formula FAL 1 ta' l-IMO, dikjarazzjoni ġenerali*

   Id-dikjarazzjoni ġenerali għandha tkun id-dokument bażiku mal-wasla u mat-tluq li jipprovdi tagħrif meħtieġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru dwar il-bastiment.

2. *Formula FAL 3 ta' l-IMO, dikjarazzjoni tal-ħażniet tal-bastiment*

   Id-dikjarazzjoni tal-ħażniet tal-bastiment għandha tkun id-dokument bażiku mal-wasla u mat-tluq li jipprovdi tagħrif meħtieġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru dwar il-ħażniet tal-bastiment.

3. *Formula FAL 4 ta' l-IMO, dikjarazzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ*

   Id-dikjarazzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ għandha tkun id-dokument bażiku li jipprovdi tagħrif meħtieġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru dwar il-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ. Ma għandhiex tkun meħtieġa mat-tluq.

4. *Formula FAL 5 ta' l-IMO, lista ta' l-ekwipaġġ*

   Il-lista ta' l-ekwipaġġ għandha tkun id-dokument bażiku li jipprovdi lill-awtoritajiet ta' Stat Membru bit-tagħrif dwar in-numru u l-komposizzjoni ta' l-ekwipaġġ mal-wasla u mat-tluq tal-bastiment. Fejn l-awtoritajiet jeħtieġu tagħrif dwar l-ekwipaġġ ta' bastiment mat-tluq tiegħu, kopja tal-lista ta' l-ekwipaġġ, li ġiet ippreżentata mal-wasla, għandha tkun aċċettata mat-tluq jekk hija ffirmata darb' oħra u endorsjata biex tindika kull bidla fin-numru jew komposizzjoni ta' l-ekwipaġġ jew biex tindika li ma saret l-ebda bidla.

5. *Formula FAL 6 ta' l-IMO, lista tal-passiġġieri*

   Għal bastimenti ċertifikati biex iġorru 12-il passiġieri jew inqas, il-lista ta' passiġġieri għandha tkun id-dokument bażiku li jipprovdi lill-awtoritajiet ta' Stat Membru bit-tagħrif dwar il-passiġġieri mal-wasla u mat-tluq ta' bastiment.

PARTI B

Firmatarji

1. *Formula FAL 1 ta' l-IMO, dikjarazzjoni ġenerali*

   L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandhom jaċċettaw dikjarazzjoni ġenerali jew li hija ffirmata u mogħtija data mill-kaptan, mill-aġent tal-bastiment jew minn persuna awtorizzata kif mistħoqq mill-kaptan, jew awtentikata b'mod aċċettabbli għall-awtorità interessata.

2. *Formula FAL 3 ta' l-IMO, dikjarazzjoni tal-ħażniet tal-bastiment*

   L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandhom jaċċettaw dikjarazzjoni tal-ħażniet tal-bastiment jew li hija ffirmata u mogħtija data mill-kaptan jew minn uffiċjal ieħor awtorizzat kif mistħoqq mill-kaptan u li għandu tagħrif personali tal-fatti dwar il-ħażniet tal-bastiment, jew awtentikata b'mod aċċettabbli għall-awtorità interessata.

3. *Formula FAL 4 ta' l-IMO, dikjarazzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ*

   L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandhom jaċċettaw dikjarazzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ jew li hija ffirmata u mogħtija data mill-kaptan jew minn uffiċjal ieħor tal-bastiment awtorizzat kif mistħoqq mill-kaptan, jew awtentikata b'mod aċċettabbli għall-awtorità interessata. L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru jistgħu jeħtieġu wkoll li kull membru ta' l-ekwipaġġ jpoġġi l-firma tiegħu, jew jekk ma jistax jiffirma, il-marka tiegħu, mad-dikjarazzjoni dwar il-ħwejjeġ tiegħu.

4. *Formula FAL 5 ta' l-IMO, lista ta' l-ekwipaġġ*

   L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandhom jaċċettaw lista ta' l-ekwipaġġ jew li hija ffirmata u mogħtija data mill-kaptan jew minn uffiċjal ieħor tal-bastiment awtorizzat kif mistħoqq mill-kaptan, jew awtentikata b'mod aċċettabbli għall-awtorità interessata.

▼B

5. *Formula FAL 6 ta' l-IMO, lista tal-passiġġieri*

Għal bastimenti ċertifikati biex iġorru 12-il passiġieri jew inqas, l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandhom jaċċettaw lista tal-passiġġieri jew li hija ffirmata u mogħtija data mill-kaptan, mill-aġent tal-bastiment jew minn persuna awtorizzata kif mistħoqq mill-kaptan, jew awtentikata b'mod aċċettabbli għall-awtorità interessata.

PARTI Ċ

Speċifikazzjonijiet tekniċi

1. Il-format tal-formoli FAL ta' l-IMO għandhom isegwu kemm jista' jkun teknikament possibbli l-istess proporzjonijiet tal-mudelli murija fl-Anness II. Għandhom ikunu stampati fuq folji tal-karta separati A4 (210mm × 297mm) b'orjentazzjoni wieqfa. Mill-inqas terz mill-parti tal-wiċċ tal-formoli għandu jkun irriservat għall-użu uffiċjali mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

   Għall-għanijiet ta' l-għarfien tal-formoli FAL ta' l-IMO, il-format u t-tqegħid tal-formoli standardizzati għat-tħaffif rakkomandati u riprodotti mill-IMO msejsa fuq il-Konvenzjoni FAL ta' l-IMO kif hija fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1997 għandhom jiġu meqjusa bħala ewkivalenti għal format riprodotti fl-Anness II.

2. L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandhom jaċċettaw it-tagħrif mogħtija b'kull mezz leġibbli u li jinftiehmu, inkluži formoli mimlija bil-linka jew bil-lapes li ma jitħassarx jew prodotti bit-tekniki ta' l-ipproċessar awtomatiku ta' l-informazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-metodi ta' trasmissjoni tat-tagħrif b'mezzi elettroniċi, meta Stat Membru jaċċetta l-għotji tat-tagħrif tar-rappurtar fil-forma elettronika, għandu jaċċetta t-trasmissjoni ta' dan it-tagħrif meta huwa magħmul bit-tekniki ta' l-ipproċessar jew ta' skambju tat-tagħrif elettroniku li jħarsu l-istandard internazzjonali, sakemm huwa f'forma leġibbli u li jinftiehem u li fih jinsab it-tagħrif meħtieġ.

   L-Istati Membri iktar 'il quddiem jistgħu jipproċessaw it-tagħrif miksub f'kull format li jidhirlhom xieraq.

▼B

ANNESS II

Mudelli tal-formoli *FAL ta' l-IMO* msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Anness I

DIKJARAZZJONI ĠENERALI TA' L-IMO

IL-KONVENZJONI TA' L-IMO DWAR IT-TAFFIF TAT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI MARITTIMI

		☐ Wasla ☐ Tluq	
1. Konvenzjoni ta' l-IMO dwar it-Thaffif ta' Traffiku Internazzjonali Marittimu		2. Il-port tal-wasla/tat-tluq	3. Data – ħin tal-wasla/tat-tluq
4. Nazzjonalità tal-bastiment	5. Isem tal-Kaptan	6. Il-port tal-wasla/tat-tluq	
7. Ċertifikat tar-reġistrazzjoni (port; data; numru)		8. Isem u indirizz ta' l-agent tal-bastiment	
9. Tunnellaġġ gross	10. Tunnellaġġ nett		
11. Pożizzjoni tal-bastiment fil-port (rmiġġ jew stazzjon)			
12. Deskrizzjoni qasira tal-vjaġġ (Il-portijiet tal-wafqa ta' qabel u ta' wara; issottolinja fejn il-bqija tal-merkanzija għandu jiġi mneħħi)			
13. Deskrizzjoni qasira tal-merkanzija			
14. Numru ta' l-ekwipaġġ (inkluż il-kaptan)	15. Numru ta' passiġġieri	16. Rimarki	
Dokumenti mehmuża (indika n-numru ta' kopji)			
17. Dikjarazzjoni tal-merkanzija	18. Dikjarazzjoni tal-ħażniet tal-bastiment		
19. Lista ta' l-ekwipaġġ	20. Lista tal-passiġġieri	21. Data u firma mill-kaptan, mill-aġenti jew uffiċjal awtorizzat	
22. Dikjarazzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-ekwipaġġ (*)	23. Dikjarazzjoni marittima tas-saħħa (*)		

Għal użu uffiċjali

IMO FAL
Formula 1

(*) Mal-wasla biss

▼B

DIKJARAZZJONI TAL-ĦAŻNIET TAL-BASTIMENT TA' L-IMO

IL-KONVENZJONI TA' L-IMO DWAR IT-TAFFIF TAT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI MARITTIMI

☐ Wasla ☐ Tluq				Paġna Nru
1. Isem tal-bastiment			2. Il-port tal-wasla/tat-tluq	3. Data tal-wasla/tat-tluq
4. Nazzjonalità tal-bastiment			5. Il-port minn fejn wasal/il-port tad-destinazzjoni	
6. Numru tan-nies abbord	7. Żmien tal-waqfien		8. Post tal-ħażna	
9. Isem ta' l-oġġett		10. Kwantità	11. Għal użu uffiċjali	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	
.....		.....	.....	

FORMULA FAL 3 ta' l-IMO

Data u firma mill-kaptan, mill-aġenti jew uffiċjal awtorizzat

▼B

IL-KONVENZJONI TA' L-IMO DWAR IT-TAFFIF TAT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI MARITTIMI

DIKJARAZZJONI TAL-ĦWEJJEĠ TA' L-EKWIPAĠĠ TA' L-IMO

								Paġna Nru
1. Isem tal-bastiment			2. Ħwejjeġ li jaqaw taħt dażju jew soġġetti għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet (*)					
3. In-Nazzjonalità tal-Bastiment								
4. Nru	5. Kunjom, ismijiet mogħtija	6. Rank jew rata						7. Firma

Formula 4 FAL ta' l-IMO

Data u firma mill-kaptan, mill-aġent jew l-uffiċjal awtorizzat

(*) Per eżempju nbejjed, alkoħol, sigaretti, tabakk, eċċ.

▼B

LISTA TA' L-EKWIPAĠĠ TA' L-IMO

IL-KONVENZJONI TA' L-IMO DWAR IT-TAFFIF TAT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI MARITTIMI

☐ Wasla ☐ Tluq

Paġna Nru

1. Isem tal-bastiment		2. Il-port tal-wasla/tat-tluq		3. Data tal-wasla/tat-tluq
4. Nazzjonalità tal-bastiment		5. Il-port minn fejn wasal		6. In-natura u n-numru tad-dokument ta' l-identità (passaport tal-baħri)
7. Nru 8. Isem tal-familja ismijiet mogħtija	9. Grad jew rata	10. Nazzjonalità	11. Data u post tat-twelid	
....	....	....	....	....

Formula 5 FAL ta' l-IMO

12. Data u firma mill-kaptan, mill-aġenti jew uffiċjal awtorizzat

▼B

LISTA TAL-PASSIĠĠIERI TA' L-IMO

IL-KONVENZJONI TA' L-IMO DWAR IT-TAFFIF TAT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI MARITTIMI

☐ Wasla ☐ Tluq | Paġna Nru

1. Isem tal-bastiment	2. Il-port tal-wasla/tat-tluq	3. Data tal-wasla/tat-tluq
4. Nazzjonalità tal-bastiment		

5. Isem tal-familja, ismijiet mogħtija	6. Nazzjonalità	7. Data u post tat-twelid	8. Port ta' l-imbarkazzjoni	9. Port ta' l-iżbark
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....

Formula 6 FAL ta' l-IMO

10. Data u firma mill-kaptan, mill-aġenti jew uffiċjal awtorizzat